**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 455 tat-28 ta' Novembru 2016 fuq ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Owen Bonnici, kontra l-Onor. Jason Azzopardi wara *tweets* li deheru fuq it-Twitter tiegħu**

Fis-seduta 454 tat-23 ta' Novembru 2016, il-Ministru Owen Bonnici, ftit wara li spiċċaw il-mistoqsijiet parlamentari, qajjem dan il-Ksur ta' Privileġġ u nikkwotah:

> "Sur President, dan l-aħħar saru numru ta' *statements* b'mod pubbliku, bi kliem, fil-fehma tiegħi, inaċċettabbli fil-konfront tiegħi. Nirreferi b'mod partikolari għad-diskors tal-Onor. Jason Azzopardi fejn b'mod ripetut, f'aktar minn okkażjoni waħda huwa uża l-kliem "*Onor. Owen Bonnici lied to Parliament*". Hawnhekk qed nara *tweet* oħra li fiha hemm il-kliem "Owen Bonnici nqabad jigdeb fil-Parlament." L-idea tal-Onor. Azzopardi, il-finzjoni li qed jirrepeti kemm-il darba, hija li jiena gdibt fix-xhieda tiegħi li tajt f'numru ta' sigħat dwar il-kuntratt ta' Henley & Partners. Assolutament mhux minnu, jien ma gdibtx. Qed jigdeb min qed jgħid li jien gdibt. Jidhirli li dan huwa każ lampanti ta' ksur ta' privileġġ. Qed nikkwota Kap. 113 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod speċjali artikolu 11, subartikolu (4) u partikolarment paragrafu (b) u paragrafi oħrajn fejn dak is-subartikolu huwa applikabbli. Jien jidhirli li dan huwa każ ta' ksur ta' privileġġ.
>
> Fil-punt tekniku rrid ngħid żewġ affarijiet. L-ewwel nett din hija l-ewwel opportunità tiegħi li nressaq dan il-każ quddiem il-Parlament. Qed ngħid li din hija l-ewwel opportunità tiegħi għax il-pronunzjamenti saru l-Ħamis tal-ġimgħa l-oħra, baqgħu jiġu ripetuti fuq it-*television*, fuq ir-radju ta' nofsinhar, għaddejjin fil-gazzetti; it-Tnejn kont skużat għax kont qed nattendi l-Kunsill tal-Ministri għall-Kultura, tlaqt minn Malta t-Tnejn filgħaxija biex it-Tlieta nattendi l-Kunsill tal-Ministri u allura jien kont skużat għax kif is-Sedja tgħallimni, biddilna l-Ordnijiet Permanenti u allura jien ma kontx assenti. Għalhekk din hija l-ewwel opportunità tiegħi.
>
> It-tieni punt tekniku li ridt nagħmel huwa li jien rajt artiklu li deher fuq is-sit *maltatoday.com.mt* intitolat *"PN accuses Justice Minister of lying over "hidden" commission to Henley".* Jien qrajt dan l-artiklu u sibt li f'dan l-artiklu hawn miktub hekk:
>
>> *"In a tweet, Opposition leader Simon Busuttil called for political responsibility to be assumed, warning that lying in Parliament "crosses the red line"."*
>
> Jien dħalt fit-*tweet* tal-Onor. Simon Busuttil bi *Twitter* u sibt li Dr Busuttil *retweeted* numru ta' *statements* li għamel l-Onor. Jason Azzopardi fuq it-*Twitter account* tiegħu. Dawn rajthom l-ewwel darba llum fost oħrajn u sibt, u nikkwota: "Owen Bonnici nqabad jigdeb fil-Parlament. Il-livell ta' gideb tal-klikka korrotta ta' pajjiżna."

Il-Ministru Owen Bonnici jkompli jispjega:

> "Jien assolutament m'iniex se naċċetta dan it-tip ta' gideb. Jintuża l-kliem "giddieb" u "korrott" fl-istess frażi u meta taqra x-xhieda li jien tajt quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi naħseb li kont wieħed mill-ftit Ministri fl-istorja li tlajt nixhed bil-ġurament u nwieġeb id-domandi kollha fuq il-proċess fejn il-Gvern ikkuntratta

konċessjonarju; tara li huwa evidenti li jien ma gdibtx. Jien għedt il-verità u l-verità jien ngħid. Għalhekk, Sur President, nitlob li tipproċedi fuq ksur ta' privileġġ kontra l-Onor. Jason Azzopardi."

Hawnhekk is-Sedja rringrazzjat lill-Ministru fejn talbitu jpoġġi d-dokumenti li rrefera għalihom fuq il-Mejda tal-Kamra u staqsiet ukoll lill-Ministru hekk:

> "Ministru nifhem sew li l-ksur ta' privileġġ qed tqajmu fil-konfront ta' Membru Parlamentari u fil-konfront ta' min?"

Hawnhekk il-Ministru Owen Bonnici wieġeb:

> "Iva, nikkonferma li fil-konfront tal-Onor. Jason Azzopardi."

Kien hawnhekk li l-Ministru George Vella wkoll ried jindirizza lis-Sedja u s-Sedja tatu permess biex jitkellem fil-qosor, fejn qal fost l-oħrajn:

> "Hawnhekk qed nitkellmu fuq xi ħaġa fundamentali u bażika. L-agħar ħaġa li jista' jagħmel membru fil-Parlament huwa li jigbeb, iktar u iktar ministru! L-allegazzjoni hija serjissima, mhux biss fil-konfront tal-individwu, imma anke fil-protezzjoni tal-ministru li għamilha."

Kien hawnhekk li l-Onor. Jason Azzopardi talab li jindirizza lis-Sedja fejn qal hekk:

> "Sur President, fid-dawl ta' dak li għadni kemm smajt nitlob lis-Sedja tinvestiga u tara jekk fis-16 ta' Marzu 2015, f'seduta quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, il-Ministru għall-Ġustizzja fil-fatt qalx il-verità jew qarraqx bil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi bid-dikjarazzjonijiet li għamel *in vista* ta' dak li ħareġ fil-pubbliku riċentement, cjoè li Henley & Partners qegħdin jirċievu, *over and above*, 4% tas-€650,000 *commission* fuq *Government bonds*, ħaġa li ġiet miċħuda fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi tas-16 Marzu 2015. Nirringrazzjak."

Wara li s-Sedja rringrazzjat lill-Onor. Jason Azzopardi u l-Onor. Owen Bonnici reġa' talab biex jagħmel argument ieħor fil-qosor fejn qal hekk:

> "Sur President, l-argument tiegħi huwa li qed jippersisti fil-gidba! Issa, din is-sekonda, reġa' gideb! Mhu veru xejn dak li qal hu! Jien ma gdibtx lill-Parlament! *I hold Parliament in high esteem*. Jien hawnhekk qiegħed Membru elett tal-Kamra u żgur li ma nasalx biex nagħmel dawk l-affarijiet li qed jgħid li għamilt l-Onor. Jason Azzopardi. Qed jigdeb hu fil-konfront tiegħi meta jgħid li jien gdibt! Nirringrazzjak."

Is-Sedja qalet li se tieħu deċiżjoni fuq dak li talab il-Ministru Owen Bonnici dwar allegat ksur ta' privileġġ.

Is-Sedja rat l-Ordni Permanenti 36 u l-Ordni Permanenti 158 kif emendat bir-riżoluzzjoni 368 tal-2016. L-Ordni Permanenti 36 jgħid hekk:

> "Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li tinqala' waqt is-seduti tal-Kamra għandha dritt għall-preċedenza fuq kull xogħol ieħor.
>
> Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir mal-ewwel opportunità u tista' ssir qabel il-bidu ta' xogħol pubbliku."

Is-Sedja rat jekk il-Ministru Owen Bonnici kellux opportunità oħra qabel l-opportunità tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2016 u biex tagħmel dan irreferiet għall-Minuti tas-seduta 452 tat-Tnejn, 21 ta' Novembru u tas-seduta 453 tat-Tlieta, 22 ta' Novembru 2016, fejn fuq l-attendenza hemm indikat li l-Ministru Owen Bonnici kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern u ma kienx immarkat bħal li kien assenti. Dan skont l-Ordni Permanenti tal-Kamra 158 li jaqra hekk:

> "Membru jiġi skużat mis-servizz tal-Kamra jew minn fuq kull kumitat tagħha sakemm ikollu permess ta' assenza mill-Ispeaker."
>
> Dawk il-Membri li jkunu fuq xogħol tal-Kamra, tal-Grupp Parlamentari jew fuq xogħol uffiċjali tal-partit, u Ministri u Segretarji Parlamentari li jkunu fuq xogħol tal-Gvern, u Membri Parlamentari li jakkumpanjaw Ministru jew Segretarju Parlamentari fuq xogħol tal-Gvern barra minn Malta, ikunu mniżżla fil-Minuti tal-Kamra li huma skużati. Tkun ir-responsabbiltà tal-*Whips* li jieħdu ħsieb jinfurmaw lill-Ispeaker b'dawk il-Membri li għandhom ikunu mniżżla bħala skużati u għal liema raġuni.
>
> Fil-Minuti għandha tinżamm distinzjoni bejn Membri li jkunu msiefra fuq xogħol tal-Parlament, tal-Gvern, tal-Grupp Parlamentari jew dak uffiċjali tal-partit.
>
> Dawk il-Membri li jkunu morda jew ikunu suġġetti għal xi ċirkustanza straordinarja jkunu mniżżla fil-Minuti tal-Kamra bħala skużati u dan wara li jkunu ppreżentaw evidenza li tkun ġiet approvata bħala tali mill-Ispeaker."

Għalhekk, peress li fis-seduti tat-Tnejn u t-Tlieta tal-21 ta' Novembru u tat-22 ta' Novembru 2016 il-Ministru ma kellux l-opportunità biex ipoġġi u jippreżenta avviż għall-investigazzjoni min-naħa tas-Sedja dwar ksur ta' privileġġ, is-Sedja ħadet in konsiderazzjoni l-każ imqajjem mill-Onor. Owen Bonnici u pproċediet biex tara jekk hemmx każ ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Onor. Jason Azzopardi jew le. Is-Sedja għalhekk għaddiet biex tara l-punti mqajma u d-dokumenti li saret referenza għalihom mill-Onor. Jason Azzopardi u l-Onor. Owen Bonnici.

Fil-każ tal-Onor. Jason Azzopardi, dan għamel referenza għal-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi li saret fis-16 ta' Marzu 2015 u talab lis-Sedja tara jekk fil-fatt il-Ministru qarraqx bil-Kumitat bid-dikjarazzjonijiet li għamel *in vista* ta' dak li ħareġ fil-pubbliku riċentement, ċjoè li Henley & Partners qed jirċievu, over and above, 4% tas-€650,000 commission fuq *government bonds*.

Is-Sedja rat ukoll id-dokumenti li ppreżenta l-Ministru li huwa artiklu datat 17 ta' Novembru 2016 li deher fil-*maltatoday.com* intitolat "*PN accuses justice minister of lying over 'hidden' commission to Henley"* fejn hemm subtitolu jaqra hekk:

> "*PN accuses justice minister Owen Bonnici of lying to Parliament when he denied that Henley and Partners receive a 4% commission on the sale of government stock to passport buyers"*.

Is-Sedja rat dokument ieħor li jirriproduċi *retweet* li saret min-naħa tal-Onor. Simon Busuttil ta' kumment fuq Twitter li kien diġa sar mil-Onor. Jason Azzopardi fil-konfront tal-Ministru Owen Bonnici fejn hemm indikat hekk:

> "Jason Azzopardi @AzzopardiJa... .6d Owen Bonnici nqabad jigdeb lill-Parlament.
>
> Il-livell ta' gideb tal-klikka korrotta ta' pajjiżna issa laħqet... "

Is-Sedja rat ukoll it-traskrizzjonijiet kollha tal-laqgħat li nżammu mill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi li ġew preżentati mill-Ministru li jkopru x-xiehda li huwa ta quddiem dan l-istess Kumitat meta kien qed jiġi diskuss il-kuntratt bejn il-Gvern u l-kumpanija Henley & Partners intitolat "*Public Services Concession Contract between the Republic of Malta represented by the Ministry of Home Affairs and National Security and Henley & Partners Holdings plc regarding the Malta Individual Investor Programme"*. Dawn it-traskrizzjonijiet kienu dawk tal-laqgħa 63 tad-19 ta' Marzu, 2015, tal-laqgħa 69 tat-22 ta' Ġunju, 2015 u dik tal-laqgħa 81 tal-14 ta' Diċembru 2015. Hawn irid jingħad li f'dan il-kuntratt li ġie ppreżentat wara deċiżjoni mogħtija minn din l-istess Sedja hemm 206 klawsoli li 14-il klawsola minnhom baqgħu ma ġewx ippubblikati minħabba raġunijiet ta' sensittività kummerċjali u kompetittività eċċ. Dawn huma koperti bid-deċizjonijiet li s-Sedja kienet tat in konnessjoni ma' dan l-istess kuntratt ta' Henley & Partners bid-differenza li minflok dan il-kuntratt ġie ordnat jiġi ppreżentat mill-istess Kumitat, tressaq mill-istess Ministru għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat. Il-klawsoli li s-Sedja rat li mhumiex qegħdin jiġu pubblikati huma s-segwenti:

> Klawsola 5.2.3, klawsola 9.5, klawsola 9.8.1, klawsola 9.16, klawsola 9.17, klawsola 10.5, klawsola 10.8, klawsola 15.1.2, klawsola 15.2.2

Fir-rigward tal-emenda għall-istess kuntratt li ġiet ipprezentata lill-Kumitat, is-Sedja rat li l-klawsoli li mhumiex qegħdin jiġu ppubblikati huma s-segwenti:

> Parti minn klawsola 2, klawsola 5.1, klawsola 5.2, klawsola 6.1, parti minn klawsola 7.2 u parti minn klawsola 7.5.

Minn dak li ġie spjegat kif ukoll minn dokument li tqassam fil-Kumitat, ir-raġunijiet għalfejn dawn il-klawsoli ma ġewx ippubblikati huma diversi. Pereżempju, fir-rigward ta' klawsola 5.2.3 ir-raġuni mogħtija kienet illi, u nikkwota:

> *"This describes the internal process of work which we do not wish to disclose due to competitivity."*

L-istess ingħad dwar klawsola 9.5:

> *"This describes the internal selection process which we do not wish to disclose due to competitivity."*

Imbagħad għandek il-klawsola 9.8.1:

> *"This describes the performance targets which are commercially sensitive."*

u baqgħu sejrin hekk sakemm il-Kumitat ingħata raġuni fir-rigward tal-klawsoli kollha. Jidher li l-parti l-kbira tar-raġunijiet mogħtija jirreferu kollha għall-kwestjoni tal-kompetittività, minħabba l-*marketability of the programme.* Raġunijiet oħrajn mogħtija jitkellmu dwar sensittività kummerċjali bħal fil-każ ta' klawsola 2 tal-emenda li tgħid li:

> *"... it describes the process flow of the commission which is deemed commercially sensitive."*

Is-Sedja għamlet referenza għal dan għaliex il-kwestjoni mqajma hija marbuta mal-*commission* li għanda titħallas lill-istess Henley & Partners u li mir-raġunijiet mogħtija joħroġ hemm element ta' sensittività kummerċjali.

Is-Sedja rat ukoll id-dokument maħruġ mill-Uffiċċju tar-Regolatur li huwa t-*Third Annual Report on the Individual Investor Programme of the Government of Malta (1st July 2015 - 30th June 2016).* Is-Sedja rat ukoll l-Avviż Legali 47 tal-2014 li ġie ppubblikat fl-4 ta' Frar 2014 jiġifieri aktar minn sena qabel il-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi li saret referenza għalihom. Is-Sedja għamlet referenza għal diversi artikoli tal-istess Avviż Legali fosthom l-artiklu 4 li jgħid li "il-kwalifiki u l-ħteġiet ġenerali biex persuna tkun applikant ewlieni għaċ-ċittadinanza taħt il-programm ikunu li kull tali persuna" fost kundizzjonijiet oħra "tintrabat li tinvesti, fost oħrajn, f'dawk l-i*stocks, bonds, debentures special purpose vehicles* jew li tagħmel investimenti oħra kif Identity Malta tipprovdi minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern."

Is-Sedja mbagħad għamlet referenza wkoll għall-paragrafu (6) tal-artiklu 7 tal-Avviż Legali li jgħid li "L-applikant ewlieni għandu jintrabat bil-miktub biex jagħmel investimenti oħra f'Malta sal-ammont ta' mija u ħamsin elf euro (€150,000), fost oħrajn, f'dawk l-i*stocks, bonds, debentures, special purpose vehicles* jew mezzi oħra ta' investiment kif tidentifika Identity Malta minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta u li jżomm dawk l-investimenti għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin."

Is-Sedja rreferiet ukoll għall-Iskeda li tinsab mal-istess Avviż Legali li titkellem dwar il-Ħtiġijiet tal-Kontribuzzjonijiet u Skeda tad-Drittijiet u li tgħid hekk:

> "Ħtiġijiet tal-Kontribuzzjonijiet u Skeda tad-Drittijiet

1. Ħtiġiet tal-Kontribuzzjonijiet

Il-kontribuzzjonijiet li ġejjin għandhom jinħtieġu bħala l-minimu sabiex persuna tikkwalifika għaċ-ċittadinanza taħt il-programm:

(*a*) applikant ewlieni: 650,000 euro (sitt mija u ħamsin elf euro), li minnhom ħlas ta' 10,000 euro (għaxart elef euro) li ma jingħatax lura għandu jingħata bħala depożitu li ma jingħatax lura qabel issottomissjoni tal-applikazzjoni;

(*b*) konjuġi: 25,000 euro (ħamsa u għoxrin elf euro);

(*ċ*) għal kull wild taħt it-18-il sena: 25,000 euro (ħamsa u għoxrin elf euro);

(*d*) għal kull wild mhux miżżewweġ bejn it-18 u l-26 sena: 50,000 euro (ħamsin elf euro);

(*e*) għal kull ġenitur dipendenti li għandu aktar minn 55 sena: 50,000 euro (ħamsin elf euro).

2. Skeda tad-Drittijiet

Id-drittijiet li ġejjin għandhom jitħallsu ma' kull applikazzjoni:

(1) Drittijiet ta' *due diligence*:

(*a*) applikant ewlieni: 7,500 euro (sebat elef u ħames mitt euro);

(*b*) konjuġi: 5,000 euro (ħamest elef euro);

(*ċ*) għal kull wild ta' bejn it-13-il sena u t-18-il sena: 3,000 euro (tliet elef euro);

(*d*) għal kull wild dipendenti mhux miżżewweġ li għandu bejn it-18 u l-26 sena: 5,000 euro (ħamest elef euro);

(*e*) għal kull ġenitur dipendenti li għandu aktar minn 55 sena: 5,000 euro (ħamest elef euro).

(2) Drittijiet tal-Passaporti u spejjeż tal-bank

(*a*) Passaport: 500 euro (ħames mitt euro) kull persuna;

(*b*) Spejjeż tal-Bank: 200 euro (mitejn euro) għal kull applikazzjoni

(3) Il-ħtiġiet tal-kontribuzzjoni u d-drittijiet stipulati f'din l-Iskeda għandhom japplikaw fir-rigward ta' applikazzjonijiet u għotjiet ta' ċittadinanza taħt il-programm minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi regolamenti oħra.

Is-Sedja rat ukoll l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113) partikolarment għall-artikolu 11 li jibda billi jgħid li:

> "Meta l-Ispeaker ikun *prima facie* jidhirlu li persuna, sew jekk tkun Membru tal-Kamra sew jekk le, tkun għamlet xi wieħed mill-attijiet imsemmijin fis-subartikolu (4), huwa għandu jirriferi l-kwistjoni lil kumitat imwaqqaf skont l-artikolu 7 u li jkun magħruf bħala l-Kumitat tal-Privileġġi. L-espressjoni "*prima facie*" tfisser li lment li jkun sar ikun jallega ksur ta' xi regola stabbilita b'din l-Ordinanza jew fl-i*Standing Orders* tal-Kamra tad-Deputati jew ta' xi riżoluzzjoni approvata mill-Kamra tad-Deputati dwar attijiet imsemmija fis-subartikolu (4), u ma għandha f'ebda każ tkun tfisser jew timplika xi stqarrija ta' ħtija jew ta' innoċenza."

Is-Sedja rreferiet ukoll għas-subparagrafu 11(4)(b) u paragrafi oħrajn kif indikat mill-istess Ministru Owen Bonnici. Effettivament is-subparagrafu 11(4)(b) jgħid hekk:

> "Dawn li ġejjin ikunu r-reati kontra dan l-Att, jiġifieri
>
> (b) kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;"

Irid jingħad li l-każ imqajjem mill-Ministru Owen Bonnici fil-konfront tal-Onor. Jason Azzopardi jirrigwarda rimarki li saru barra l-Kamra jiġifieri l-kummnet fuq *Twitter* li saret referenza għalih u r-referenza għal dak li qal l-Onor. Jason Azzopardi skont kif ġie ppubblikat fil-*maltatoday.com.mt.* Għaldaqstant is-subparagrau 11(4)(b) tal-Kap. 113 ma japplikax fil-konfront tal-Onor. Jason Azzopardi, għalkemm irid jingħad ukoll li jista' jkun applikabbli għall-dak li qal l-Onor. Jason Azzopardi wara tressaq il-ksur ta' privileġġ, u nikkwota:

> "Fid-dawl ta' dak li għadni kemm smajt nerġa' nitlob lis-Sedja tinvestiga u tara jekk fil-laqgħa tas-16 ta' Marzu 2015 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, il-Ministru tal-Ġustizzja qalx il-verità jew qarraqx lill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi fid-dikjarazzjoni li għamel in vista ta' dak li ħareġ fil-pubbliku riċenti.",

u dan meta immedjatament wara l-Ministru Owen Bonnici qal hekk:

> "Sur President, l-argument tiegħi huwa li qed jippersisti fil-gidba, issa din is-sekonda reġa' gideb."

Madankollu, anke fid-dawl li meta l-Ministru ressaq il-ksur ta' privileġġ ma llimitax ruħu għall-paragrafu 11(4)(b), is-Sedja irreferiet ukoll għall-paragrafu 11(4)(d) li jgħid hekk:

> "Dawn li ġejjin ikunu r-reati kontra dan l-Att, jiġifieri

> "(d) kull min jaħbat għal Membru, ifixklu jew jinsultah filwaqt li jkun sejjer jew ġej lura mill-Kamra jew minħabba d-dmirijiet tiegħu fil-Kamra ..."

Dan il-paragrafu jitkellem fuq insult fil-konfront ta' Membru minħabba l-qadi ta' dmirijiet fil-Kamra u allura s-Sedja tikkonsidra tali paragrafu bħala aktar applikabbli għall-każ inkwistjoni stante li l-kumment ta' "gideb lill-Kamra" sar fil-konfront ta' Membru tal-Kamra li kien qed jindirizza Kumitat tal-istess Kamra.

Is-Sedja rat ix-xhieda kollha li ta l-Ministru Owen Bonnici fit-tliet laqgħat li jmorru għall-2015 u allura sena wara li ġie ppubblikat l-Avviż Legali 47 tal-2014 li huwa l-Avviż Legali li ppubblika r-regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta.

Mill-qari tax-xhieda kollha tal-Ministru Owen Bonnici joħroġ ċar li kull applikant għall-programm ta' ċittadinanza b'investiment irid jagħmel tliet affarijiet. Irid iħallas investiment fl-ammont ta' €650,000, irid jinvesti f'ishma jew f'*bonds* tal-Gvern u jrid jixtri jew jikri proprjetà. Joħroġ ukoll li dawn it-tliet affarijiet huma abbinati ma' diversi kondizzjonijiet u skrutinju li huma wkoll elenkati fl-istess Avviż Legali 47 tal-2014 fir-rigward ta' *due diligence*, il-kwestjoni tal-aġent approvat, il-kwestjoni tal-kwalifiki u ħteġijiet ġenerali, ir-rwol ta' identity Malta u l-kriterju ta' eliġibilità. Imbagħad għandek ukoll il-proċess tal-istess applikazzjoni, ir-rwol ta' nutar jew avukat biex jiċċertifika d-dokumentazzjoni, id-*due diligence* u d-dettalji kollha. Is-Sedja ħadet ukoll nota li din l-informazzjoni tinstab f'Avviż Legali li ovvjament huwa dokument pubbliku u li ilu pubbliku mill-4 ta' Frar 2014.

Is-Sedja rreferiet għal-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tas-16 ta' Marzu 2015 li għamel referenza għaliha l-Onor. Jason Azzopardi fl-intervent tiegħu waqt is-Seduta tat-23 ta' Novembru 2016 meta talab lis-Sedja tinvestiga u tara jekk f'din il-laqgħa l-Ministru Bonnici qalx il-verità. Fil-fatt is-Sedja rat bir-reqqa dak kollu li qal l-Onor. Owen Bonnici fil-konfront tad-domandi li kienu qed isirulu miċ-Chairperson, l-Onor. Tonio Fenech, kif ukoll mill-Onor. Mario de Marco u hawnhekk is-Sedja tħoss li għandha tinċita dan li ġej:

> "**ONOR. OWEN BONNICI:** Fil-fatt hawn tlieta bħalhom, 9.17, 10.5, u 10.8 u l-ispjega li tajna hija identika għalihom kollha. Hawnhekk qed nitkellmu dwar il-*contribution requirement*. Mr Chairman, għad-domanda li qed tagħmilli inti, jien nista' nwieġeb billi ngħid li *the net result would be* dak indikat fl-Avviż Legali, jiġifieri l-kontribuzzjoni hija dik indikata fl-Avviż Legali."
>
> **THE CHAIRMAN:** Jekk mhijiex differenti għalfejn il-klawsola hija mgħottija? Jekk diġà hija ppubblikata fl-Avviż Legali...
>
> **ONOR. OWEN BONNICI:** *The net result* huwa ppubblikat fl-Avviż Legali. Naħseb li qed nagħti tagħrif aktar milli jmissni."

Hawnhekk kienet qed issir referenza għal uħud mill-14-il artiklu tal-kuntratt li semmejt aktar qabel li ma kenux qed jiġu ppubblikati għal raġunijiet ta' sensittività kummerċjali u kompetittività.

Aktar wara l-Ministru wieġeb għal domanda tal-Onor. Mario de Marco u nikkwota:

> "**ONOR. MARIO DE MARCO:** Però qed tgħid li m'intix f'pożizzjoni li teskludi li hemm *other fees payable* mill-Gvern lill-konċessjonarju, *beyond the marketing process.*
>
> **ONOR. OWEN BONNICI:** Jekk qed tistaqsini jekk hemmx xi *fees* moħbija li se jieħdu Henley & Partners...
>
> **THE CHAIRMAN:** Le, aħna qed nistaqsu biex nifhmu n-natura tal-kuntratt.
>
> **ONOR. MARIO DE MARCO:** Jekk hemm "*other fees payable*" ifisser li hemm *other fees over and obove the marketing process.*
>
> **ONOR. OWEN BONNICI:** Dawk huma indikati fil-kuntratt. Issa inti se tgħidli "mela agħtini l-kuntratt kollu kemm hu" u se nerġgħu nduru magħha! L-unika indikazzjoni li nista' nagħtik hija dik relatata mad-*due diligence*; mhux profitt tal-konċessjonarji, imma *fees*.
>
> **ONOR. MARIO DE MARCO:** Imma dawk huma dovuti mill-applikant mhux mill-Gvern u allura dan ifisser li hemm xi ħaġa oħra.
>
> **ONOR. OWEN BONNICI:** Jekk qed tistaqsini jekk il-konċessjonarji humiex se jdaħħlu xi ħaġa oħra fil-but, ir-risposta tiegħi hija le. Semmejt il-*four-tier due diligence*."

Hawnhekk il-Ministru kien qed jagħmel referenza għal dawk li huma *fees*. Fil-fatt fuq domanda li saritlu ftit qabel mill-istess Onor. Mario de Marco insibu dan li ġej:

> **"ONOR. MARIO DE MARCO:** Naħseb li l-mistoqsija taċ-Chairman kienet dwar x'inhuma l-"*other fees payable by the Government*" li tiġi wkoll relatata mal-mistoqsija li għamilt jien oriġinarjament meta konna qed nitkellmu dwar klawsola 9.8c. Din il-klawsola, kif *drafted*, tagħti x'tifhem li *over and above* il-*marketing and processing fees,* fil-fatt hemm *fees* oħra li jitħallsu mill-Gvern lill-konċessjonarju.
>
> **ONOR. OWEN BONNICI:** Il-*fees* l-oħra indikati f'dan il-kuntratt huma dawk il-*fees* relatati mad-*due diligence*.

Is-Sedja rreferiet ukoll għat-traskrizzjoni tal-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tat-22 ta' Ġunju 2015 fejn il-Ministru Owen Bonnici kien qed iwieġeb kemm lill-Onor. Claudio Grech kif ukoll lill-istess Onor. Mario de Marco meta d-domanda li kienet qed issir kienet aktar speċifika u aktar ċara peress li kienet tittratta l-*paid-in contribution* u nikkwota:

> **"ONOR. CLAUDIO GRECH:** Fil-verżjoni tal-kuntratt tal-24 ta' Diċembru 2013 – jidher li qattajtu *Christmas Eve* tiffirmaw l-*agreement*! – l-4% hija tas-€650,000 *plus* jekk għandu l-familjari miegħu, *plus* il-valur tal-proprjetà, *plus* il-valur tal-*bonds*. Hekk qed ngħidu?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nikkonferma li dawk huma l-*investment requirements*, però jekk id-domanda hija jekk il-kummissjoni tinħadimx fuq it-tliet ingredjenti kollha, ir-risposta hija le. Li rrid ngħid ukoll huwa li l-flus qed jidħlu f'*bank account* li żżommu Identity Malta."

Aktar 'l isfel l-Onor. Mario de Marco jgħid hekk:

**"ONOR. MARIO DE MARCO:** Tista' tgħidilna l-*paid-in contribution*, x'se tkun qiegħda tinkludi minbarra s-€650,000?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Dawk it-tliet ingredjenti li qed nitkellmu dwarhom. Però jekk id-domanda hija fuq liema se titħallas il-*commission,* ir-risposta hija li mhux fuq it-tliet ingredjenti kollha kemm huma, imma fuq inqas.

**THE CHAIRMAN:** Qed nassumi li fuq tnejn imma ma tistax tgħidilna liema huma.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Jiddispjaċini, imma għandi nota li din trid tinżamm kunfidenzjali. Nerġa' ngħid li ma rridux ninsew li hawnhekk qed nitkellmu fuq programm li huwa kompetittiv; mhux Malta biss qed tagħmel dan it-tip ta' programm imma hemm pajjiżi oħrajn."

Dan ifisser li minn dak li kien qed jgħid il-Ministru f'din il-laqgħa joħroġ ċar li l-*paid-in contribution* kienet tinkludi tliet ingredjenti u mhux biss is-€650,000, jiġifieri l-ishma jew bonds tal-Gvern u xiri jew kiri ta' proprjetà, liema ingredjenti għamlet ukoll referenza għalihom is-Sedja aktar kmieni. Joħroġ ċar ukoll li kellha titħallas *commission* mhux biss fuq l-ammont ta' €650,000. Dan jidher li fehmu wkoll iċ-Chairman tal-Kumitat fir-rimarka li għadda fl-estratt hawn fuq ċitat mil-laqgħa tat-22 ta' Ġunju 2016.

Dan huwa l-argument li jidher li għamel il-Ministru u li allura jikkontrasta ma' dak li ġie rappurtat fil-maltatoday.com fejn intqal li:

"*In a statement, the PN recounted how Bonnici had told parliamentary committee in March 2015 that Henley did not recieve any commissions over and above the standard 4% they are paid on the €650,000 that main applicant pay for a Maltese Passport.*

*@OwenBonnici lied 2 Parliament. Henley r being also (illegally) paid 4% commissions by Govt on sale of bonds, which he had denied. @Pnmalta pic.twitter.com/zoMwbJIU7n – Jason Azzopardi (@AzzopardiJason) November 17 2016*"

L-istess argument jirriżulta wkoll mir-rapport li ġie ppubblikat mill-Uffiċċju tar-Regolatur, liema rapport saret referenza għalih fl-istess artiklu tal-*maltatoday.com*. F'dan ir-rigward is-Sedja rreferiet għat-taqsima intitolata *Contributions and Fees Payable by Main Applicants, Spouses and Dependents* li tinsab f'paġna 17:

"2.6.1 *Contributions*

> *Paragraph 1 of the Schedule to LN 47 of 2014 establishes the contributions that need to be paid by the main applicant in his or her respect and in respect of his or her dependants, if any, in order to qualify for citizenship under the Individual Investor Programme, 6% and 4% of which go to Identity Malta Agency and Henley & Partners, respectively. In terms of the Agreement signed with Henley & Partners, in addition to the above, Henley & Partners also receive 4% of the investment made under the Investment Requirement (at the minimum value prescribed by the Regulations, even if the actual investment in a particular case is higher than this minimum value) – i.e. 4% of €150,000 - which is equivalent to €6,000 per main application. The remaining amount is distributed in the ratio of 70% National Development and Social Fund as to 30% Consolidated Fund."*

Wara li eżaminat dan il-materjal kollu, is-Sedja tara illi filwaqt li ħa in konsiderazzjoni l-14-il klawsola li ma ġewx ippubblikati għar-raġunijiet fosthom ta' kompetittività u sensittività kummerċjali li ssemmew aktar kmieni f'dan ir-*ruling,* il-Ministru, fix-xhieda tiegħu kien qed jagħti informazzjoni preċiża li kienet *in linea* ma' dak li kien hemm effettivament fil-kuntratt li kien qed jiġi mistoqsi dwaru u wkoll *in linea* mar-regolamenti kif kienu ġew stipulati fl-Avviż Legali 47 tal-2014.

Għalhekk, fir-rigward tal-kliem "*Owen Bonnici lied to Parliament*" u "Owen Bonnici nqabad jigdeb lill-Parlament" li saret referenza għalihom mill-Ministru Bonnici meta qajjem il-ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Onor Jason Azzopardi, is-Sedja f'dan l-istadju mhux qed jirriżultalha li l-Ministru effettivament għamel xi waħda minn dawn l-azzjonijiet.

Fuq dan il-punt is-Sedja rreferiet għal diversi *rulings* li ngħataw mis-Sedja kif diversament ippreseduta, fosthom *ruling* mogħti mill-Ispeaker Louis Galea fis-seduta 43 tal-15 ta' Ottubru 2008 fir-rigward ta' artiklu li kien deher fil-ġurnal *MaltaToday* dwar investigazzjoni fil-MITTS, meta l-Ministru Gatt testwalment qal dik l-istorja li ġiet spinnjata mill-Onor. Alfred Sant. Is-Sedja dakinhar, fuq każ imqajjem mill-Onor. Sant, kienet sabet li l-kliem li ngħad mill-Ministru Gatt kien jikkostitwixxi *prima facie* ksur ta' privileġġ skont l-Artikolu 11 tal-Kap. 113 u fit-termini tal-Ordni Permanenti 60 li jgħid hekk:

> "Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru."

Is-Sedja rat ukoll ir-*rulings* li tat hi stess fis-seduta 294 tal-20 ta' Lulju 2015 fuq punt imqajjem mill-Onor. Clyde Puli fil-konfront tal-Onor. Joe Farrugia, fis-seduta 279 tat-22 ta' Ġunju 2015 dwar il-lingwaġġ parlamentari, fis-seduta 330 tat-23 ta' Novembru 2015 fuq punt imqajjem mill-Onor. David Agius dwar inċidenti li nqalgħu fil-Kamra u fis-seduta 362 tad-29 ta' Frar 2016 fuq punt imqajjem mill-Onor. David Agius dwar kliem mhux parlamentari. Rat ukoll ir-*ruling* mogħti mill-Ispeaker Jimmy Farrugia fis-seduta 15 tad-29 ta' Settembru 1987 fejn is-Sedja dakinhar ddikjarat li l-kliem "inti gdibt", "inti qed tigdeb" u "dik gidba" ma tridx tismagħhom

aktar u li jridu jitħassru mir-*records* tal-Kamra. Rat ir-*ruling* mogħti mill-Ispeaker Nestu Laiviera fis-seduta 65 tal-1 ta' Ġunju 1977 fuq punt imqajjem mill-Onor. Carmelo Caruana dwar użu ta' kliem li kien jammonta għal insult waqt li l-Membru kien ħiereġ 'il barra u anke hawn is-Sedja sabet każ ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ. Rat ir-*ruling* mogħti mill-Ispeaker Alfred Bonnici fis-seduta 185 tal-4 ta' Frar 1970 fejn is-Sedja kienet iddeċidiet li l-kelma "giddieb" għandha tiġi rtirata mill-Membru li kien qalha. Finalment rat ukoll ir-ruling mogħti mill-Ispeaker Pawlu Pace fis-seduta 49 tal-14 ta' April 1965 fejn l-Ispeaker iddeċieda wkoll li l-kelma "giddieb" mhijiex kelma parlamentari u li allura għandha tiġi rtirata. Ta min jinnota li dakinhar l-Ispeaker talab in-*naming* tal-Onor. Membru li reġa' rrepeta din il-kelma fil-konfront ta' Membru Parlamentari wara li kien irtiraha.

Is-Sedja rat ukoll ir-*ruling* mogħti mis-Sedja preżenti fis-seduta 192 tat-28 ta' Ottubru 2014 fejn saret referenza għal dak li jgħid l-Erskine May (24 Edizzjoni) f'paġna 254 dwar *Misconduct of Members or Officers* taħt it-taqsima ntitolata "*Members deliberately misleading the House*" u nikkwota:

> "*The Commons may treat the making of a deliberately misleading statement as a contempt. In 1963 the House resolved that in making a personal statement which contained words which he later admitted not to be true, a former Member had been guilty of a grave contempt.*"

F'dak l-istess *ruling* is-Sedja kienet irreferiet ukoll għal pubblikazzjoni tal-Parlament Indjan "Rajya Sabha at Work" fejn f'paġna 234 taħt il-kapitolu 8 - Parliamentary Privileges, jgħid hekk:

> *"If any statement is made on the floor of the House by a member or Minister which another member believes to be untrue, incomplete or incorrect, it does not constitute a breach of privilege. If an incorrect statement is made, there are other remedies by which the issue can be decided. In order to constitute a breach of privilege or contempt of the House, it has to be proved that the statement was not only wrong or misleading but it was made deliberately to mislead the House."*

Rat ukoll ir-*ruling* mogħti mill-Ispeaker Louis Galea fis-seduta 175 tas-7 ta' Diċembru 2009 fejn ukoll irrefera għall-Erskine May fejn jirrigwarda t-test ċitat hawn fuq dwar "*Members deliberately misleading the House*". Dakinhar is-Sedja kienet ġiet mitluba tiddeċiedi jekk il-Prim Ministru kienx qiegħed jiżvija lill-Kamra bit-tweġiba li kien ta għal mistoqsija Parlamentari u nikkwota mil-istess *ruling*:

> "Minkejja dan kollu tajjeb li l-Kamra żżomm quddiem għajneja li l-Artikolu 11 (4) (i) espliċitament jikkwalifika l-għoti jew t-tqiegħed ta' "dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat" quddiem il-Kamra b'intenzjoni ċara u pruvabbli li dak li jkun jagħmel hekk "bil-ħsieb li jqarraq" lill-Kamra. L-istess l-Erskine May, meta jiddeskrivi l-att ta' '*misleading*' bħala "*the making of a deliberately misleading statement*" espliċitament qed jippressuponi l-*mens rea*, l-intenzjoni deliberata li jiżvija. L-elementi tar-reat kontemplat mill-Artikolu 11 (4) (i) ma jistgħux jissustixxu mingħajr l-element essenzjali tal-intenzjoni, anke kieku t-tagħrif jew id-dokument mogħti lill-Kamra fih skorettezzi li jistgħu jiżvijaw lill-Kamra." (kliem sottolineat għall-enfasi)

Dan ifisser li qabel ma wieħed jasal biex jgħaddi xi ġudizzju dwar dak kollu li jiġi ppreżentat fil-Kamra, irid qabel xejn jassigura ruħu li kien hemm l-intenzjoni li wieħed ried bil-ħsieb iqarraq; "*the making of a deliberately misleading statement*".

F'dan il-kuntest is-Sedja rat ukoll *ruling* mogħti mill-i*Speaker* Anton Tabone fis-seduta 335 tas-7 ta' Diċembru 2005 fuq punt imqajjem mill-Onor Noel Farrugia dwar artikolu li deher f'ħarġa tal-ġurnal *MaltaToday*. Dakinhar is-Sedja kkonkludiet li peress li ma setgħetx tiġi stabbilita l-intenzjoni tal-awtur tar-rapport u peress li l-Onor. Membru nnifsu ma ta jew ma ressaq l-ebda prova li l-awtur intenzjonalment għamel dikjarazzjoni skorretta, ma rriżultax li f'dan il-każ kien hemm *prima facie* każ ta' ksur ta' privileġġ. Dakinhar ukoll is-Sedja kienet qalet hekk:

> "Madankollu s-Sedja tappella biex qabel ma jinkitbu affarijiet fil-media li jirrigwardaw il-ħidma tal-Membri Parlamentari, jiġu vverifikati l-fatti kollha."

Is-Sedja rreferiet ukoll għal dak li jgħid l-Erskine May, Parliamentary Practice (24 Edizzjoni) f'paġna 201 u 202 dwar "*Ministerial accountability to Parliament*" fejn issir referenza għal dak li ġie deċiż f'seduta tal-House of Commons u nikkwota:

> "*While the Speaker has made it clear that Ministers are responsible for the contents of their answers, Members are entitled to a response from a Minister when the accuracy of a ministerial answer has been reasonably been challenged. (HC Deb (2005-06) 442, c 1283)"*

Dan ifisser li fil-Parlament Ingliż, għal dik li hija prattiċità, jekk Membru jħoss li Ministru ma kienx ċara jew addirittura, għal xi raġuni jew oħra, żvija lill-Parlament, l-istess Membru għandu dritt għal kjarifika mill-Ministru dwar l-akkuratezza ta' dak li jkun ippreżenta l-istess Ministru.

Mill-eżami li għamlet is-Sedja, jidher li hemm il-possibiltà li qabel ma l-Onor. Jason Azzopardi għamel dak il-kumment fuq Twitter, m'għamilx referenza għax-xhieda kollha li ta l-Ministru Bonnici quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi nhar is-16 ta' Marzu 2015 u nhar it-22 ta' Ġunju 2015 fejn joħroġ ċar li l-kummissjoni ma kellhiex titħallas biss fuq ingredjent wieħed tal-*paid-in* contribution u ċjoè fuq l-investiment ta' €650,000 biss. Effettivament dan ħareġ ukoll mir-rapport tal-Uffiċċju tar-Regolatur. Safejn tista' tikkonstata, s-Sedja lanqas jidrilha li l-Onor Membru talab xi forma ta' kjarifika mingħand il-Ministru jew mis-Sedja għall-argumenti li huwa seta' deherlu li jistgħu jiġu *reasonably challenged.*

Membru tal-Kamra m'għandux jaqbad u jasal għal deċiżjoni, u allura jkun hu stess, biex ngħid hekk, il-prosekutur u l-ġudikant fil-konfront ta' Membru ieħor tal-Kamra, u jagħmel kumment fuq Membru ieħor bi kliem li mhuwiex aċċettabbli fil-lingwaġġ parlamentari. Hemm mod u mod kif wieħed jgħid li dak li ngħad fil-Parlament mhuwiex ċar, ma jagħmilx sens, jew li mhuwiex spjegabbli biżżejjed. Is-Sedja tisħaq li ċertu kliem partikolarment minn Membri Parlamentari fil-konfront ta' Membri kollegi fir-rigward tad-dmirijiet tagħhom fil-Kamra mhuwiex aċċettabbli f'demokrazija parlamentari.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi s-Sedja qiegħda tistieden lill-Onor. Jason Azzopardi sabiex, fl-ewwel opportunità fil-Kamra, jirtira l-kliem "Owen Bonnici nqabad jigdeb lill-Parlament". Jekk dan il-kliem jiġi rtirat is-Sedja tiddeċiedi li l-każ huwa magħluq.

Fin-nuqqas li jsir dan allura s-Sedja ma jkollha l-ebda triq oħra ħlief li tgħaddi sabiex tara jekk tapplikax il-provvedimenti applikabbli taħt l-Artikolu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati Kap. 113.

Ir-*ruling* huwa deċiż.